GIACOMO MAZZARIOL

# HIJA JIĠRI WARA D-DINOSAWRI

L istorja tiegħi u ta Giovanni
li għandu kromożoma żejda

Traduzzjoni ta
Ludvic Azzopardi Ferrando

merlin

*Insomma, li storja ta Giovanni, din.*

Giovanni li jmur jieħu ġelat.

Cone jew tazza?

Cone!

Imma int il cone ma tiklux.

Allura? Lanqas it tazza ma niekol!

Giovanni li għandu tlettax il sena u tbissima usa min nuċċali fuq imnieħru. Li lil tallab fit triq jisraqlu l kappell u jitlaq jiġri bih; li jħobb id dinosawri u l kulur aħmar; li jmur jara film ma ħabiba tiegħu u jiġi lura d dar iħabbrilna, Iżżewwiġt! Giovanni li jiżfen f nofs il pjazza, waħdu, għad daqqa ta mużiċist tat triq, u kull min jgħaddi minn ħdejh jinħall u jibda jagħmel bħalu: Giovanni jżeffen pjazza sħiħa. Giovanni li għalih il ħin dejjem għoxrin minuta, qatt iżjed: jekk xi ħadd imur xahar vaganza, għoxrin

minuta jkun telaq. Giovanni li jaf jgħejjik, jixroblok moħħok, u li kuljum imur fil  ġnien u lil ħutu l  bniet iġibilhom fjura. U jekk tkun ix  xitwa u ma jsibx fjuri, joħdilhom weraq niexef.

Giovanni ħija. Din l  istorja tiegħi wkoll. Jien dsatax il sena għandi, jisimni Giacomo.

# It tħabbira

L ewwel nett irrid ngħidilkom dwar il parkeġġ, għax hemm beda kollox. Parkeġġ vojt kif ikunu ċerti parkeġġi l Ħadd waranofsinhar. Ma niftakarx minn fejn konna ġejjin, forsi mingħand in nanna, imma niftakar is sensazzjoni: dik il ħedla ħelwa, żaqq mimlija. Il mam u l pap kienu quddiem. Jien, Alice u Chiara bilqiegħda wara. Ix xemx kienet qed tmelles il ponot tas siġar u kont qed inħares barra mit tieqa, jew almenu kont qed nipprova. Għax il karozza tagħna Passat marun kollha tiċpis ta ġelati, juices u tajn taż żraben, li ġarret basktijiet u pushchairs u miljuni ta xirjiet tant kienet maħmuġa li mit twieqi ma kienx jirnexxilek tittawwal wisq barra. Ejja ngħidu li d dinja barra mill Passat marun kellek iktar *timmaġinaha*: ħolma, waħda minn dawk li jkollok kif jibda jbexbex, ftit qabel tistenbaħ. U lili kienet togħġobni ħafna.

Kelli ħames snin. Chiara sebgħa. Alice sentejn.

Kif kont qed ngħid, konna ġejjin lura mingħand in nanna, jew min jaf minn fejn, u kollox kien jagħtik x tifhem li l Ħadd kien se jintemm bħall oħrajn shower, sufan, cartoons meta f daqqa waħda, kif għaddejna minn quddiem il parkeġġ vojt ta fabbrika, il pap dawwar il karozza bħalma jagħmlu fil films biex jevitaw splużjoni, u daħal ġewwa. Preċiż għal fuq tumbata, li għoddna tirna minn fuqha. Il mam żammet mal manku tal bieba u ħarsitlu bl ikrah. Stennejtha tgħidlu xi ħaġa, bħal: Xi d dimonji inqalagħlek, Davide? Imma tbissmet u gemgmet: Stajna naslu d dar, ta

Il pap għamel tabirruħu ma semax.

X ġara? staqsiet Chiara.

X ġara? staqsejt jien.

? Staqsiet Alice b għajnejha.

Il mam nefħet b mod stramb u ma weġbitx. Il pap lanqas.

Bdejna nduru fil parkeġġ qisna qed infittxu post fejn nipparkjaw, anki jekk kien hemm, jien naf, mal elfejn u ħames mitt post vojt. Fil fetħa kollha, kulma kien hemm, fuq ġewwa nett taħt is siġar, kien vann antik b żewġt iqtates fuq il bonnet. Il pap kompla jsuq sakemm iddeċieda fuq post; wieħed li bilfors ralu xi ħaġa speċjali għax ibbrejkja f daqqa, dawwar il karozza u daħal preċiż fih. Tefa l magna. Fetaħ

it tieqa. Skiet mimli misteru, riħa ta ħażiż imliet il karozza. Wieħed mill qtates li kien fuq il vann, fetaħ għajn waħda, ittewweb u qagħad għassa tagħna.

Għala waqafna hawnhekk? staqsiet Chiara waqt li ħarset madwarha bi stmerrija.

Waqfitilna l karozza? staqsejt jien.

? staqsiet Alice b għajnejha.

Il mam u l pap taw ħarsa lil xulxin li ma fhimtx x riedu jfissru biha. Bejniethom kienet għaddejja enerġija mhux tas soltu, xmara ta xrar ileqq.

Chiara xxabbtet il quddiem, għajnejha tondi qishom żewġ ċirasiet: Se tgħidulna x ġara?

Dak il ħin niżlet ċawla ħdejn il karozza, il pap ħares ftit lejha, neħħa ċ ċintorin tas sigurt, u dar iħares lejna bl istering imdaħħal f ġenbu. Il mam, bi tqanżiħa, għamlet l istess. Żammejt in nifs. Ħarist lejhom mingħajr ma fhimt x kien qed jiġri. F qalbi bdejt nippanikkja: x kienu dawn l istramberiji kollha?

Katia, għidilhom int, qal il pap.

Il mam bexxqet xofftejha, imma ma ħarġitx kelma li hi kelma.

Il pap taha sinjal b rasu biex jagħmlilha l kuraġġ.

Ħadet nifs il ġewwa u qalet, Tnejn bi tnejn.

Il pap ħares dritt f għajnejja. *Qed tara?* qalli b ħarstu. *Irnexxielna!*

Ħarist lejh iċċassat, imbagħad bl istess mod lejn il mam. Bdejt naħseb: Xi x xjafek qed jgħidu?

Imbagħad il mam misset żaqqha, il pap resaq lejha, poġġa idu fuq tagħha u f daqqa waħda Chiara poġġiet idejha quddiem ħalqha u splodiet f għajta: U ejja!

U ejja *xiex?* għedt jien, iktar u iktar ansjuż għall fatt li ma stajtx nifhem. Xiex u ejja?

Se jkollna baby? werżqet oħti, hi u ħabbtet idejha mas saqaf tal karozza.

Ifhem, teknikament, il mam se jkollha, qal il pap.

Ħakkejt rasi, u ħsibt: *Se jkollna baby? Xi l madoff*

Imbagħad bozza żgħira bdiet tixgħel ftit ftit ġo moħħi bħal skateboard għan niżla ttajjar it trabijiet u l weraq u taħbat mal ġebel u: *tnejn bi tnejn* qalet il mam. *Tnejn bi tnejn.* Tarbija. Tifel. Ħija. Żewġ subien. Żewġt ibniet. *Tnejn bi tnejn.*

Tnejn bi tnejn? għajjatt. Tnejn bi tnejn? Ftaħt il bieba beraħ, tirt mill karozza u ntfajt għar kupptejja mal art bil ponnijiet ’il fuq qisni għadni kemm skurjajt b rovexxata. Qbiżt bilwieqfa u bdejt indur bħal żugraga. Ġrejt mal karozza qisni l miġ nun, wasalt ħdejn missieri u hekk kif iddeffist minn ġot tieqa ppruvajt ngħannqu imma kont qasir wisq u rnexxieli biss niġbidlu widnejh b tant saħħa li bżajt

li weġġajtu. Mort lura u għalaqt il bieba. Ma stajtx nieħu nifs bil ferħ. Se jkolli ħija? għedt b nifsi maqtugħ.

Vera se jkolli ħija żgħir? U meta jitwieled haw dan, x jismu, fejn se jorqod? Nistgħu niktbuh minn issa għall basketball?

Imma ħadd ma kien qed jagħti kasi, għax Chiara ntefgħet fuq il gear lever tal karozza biex tgħannaq lill mam, Alice bdiet iċċapċap u l pap kien daħal sew f żifna magħmula minn ċaqliqiet żgħar ta spallejh. Kieku qabbadna plakka mal karozza dak il ħin, dak il mument eżatt, kellna enerġija biżżejjed biex nixegħlu d dinja.

Allura vera tifel se jkollna? għajjatt jien biex jismagħni kulħadd.

Tifel, qalli l pap.

Ċerti imma?

Ċerti.

Chiara kienet kuntenta se ttir. Alice wkoll, ovvjament. Imma jien? Jien *bla dubju* kont l iktar wieħed kuntent. Kien se jibda żmien ġdid, ordni mondjali ġdid. Jien u l pap ma konniex se nibqgħu f minoranza. Din kienet aħbar *enormi*. Tliet subien kontra tlett ibniet. Ġustizzja. Daqshekk votazzjonijiet żbilanċjati għal min se jagħżel x naraw fuq it televixin, daqshekk ħin moħli fil ħwienet, daqshekk

rebħiet faċli dwar fejn se mmorru ngħumu jew x'se nieklu.

Ftit wara għedtilhom, Il karozza se tkun żgħira wisq għalina. Irridu nġibu oħra.

Chiara berrqet għajnejha u qalet, Mela għalhekk se mmorru fid dar il ġdida!

Ftit ilu l ġenituri tagħna kienu bdew ix xogħlijiet fuq daqsxejn ta dar: issa kollox beda jagħmel sens.

Għedtilhom, Jien il karozza blu rridha.

Chiara: Jien ħamra rridha.

Blu!

Ħamra!

! qalet Alice b'għajnejha, u bdiet iċċapċap, imkaxkra mill ewforija tal mument. Ix xemx kienet qisha l isfar tal bajd jinħall, il qattus niżel minn fuq il vann u qatgħa għasafar taru f daqqa mis siġar, ipittru figuri mill isbaħ fis sema.

U x'se nsemmuh?

Jien kont l ewwel wieħed li qajjimt din il mistoqsija meta l mam kienet qed tixxuttali xagħri bil hairdryer.

Petronio, għajjat mis salott il pap hu u jqarmeċ il karawett.

Maurilio, weġibtu jien; ma nafx għaliex imma dak l isem minn dejjem qabbadni d daħq. F'moħħi

kelli li jekk ħija ma kellux ikun simpatiku kollox possibbli anki għaliex il livell ta simpatija ma tistax taqbad u tordnah hekk tal anqas b dak l isem kont nieħu gost ngħajjatlu.

Insa, qalet Chiara. Jekk tifel insemmuh Pietro u jekk tifla Angela.

Chiara għedtilha bil paċenzja kollha.

Xiex?

Ġa għedna li tifel se jkun.

Nefħet, taparsi mhix tagħti kasi.

Ħsibt bejni u bejn ruħi li kelli raġun: il bniet ma kinux kuntenti bid dro, u forsi kien għadhom qed jittamaw li jaqilbu r riżultat.

Mela Pietro, reġgħet qalet Chiara.

Imma dak l isem m għoġob lil ħadd u lanqas l ismijiet Marcello, Fabrizio u Alberto. Ipproponejt Remo bħala alternattiva għal Maurilio, imma lanqas dak ma għadda. Ippruvajna bl ismijiet tan nanniet u taz zijiet, imma m għamilna xejn. Lanqas qraba mill bogħod. Atturi u kantanti żero! Allura l kwistjoni baqgħet miftuħa. Kienet għal qalbi din li nagħżlulu l isem it tajjeb: kien se jkun isem ħija, dan. Apparti li kellu jaqbel sew ma Mazzariol, li fir reġjun tal Veneto, fost l oħrajn, huwa l isem ta nanu tal ħrej jef, bil kappell bil ponta u li jħobb jinbex lil min jittraskura l ambjent; waħda minn dawk l istejjer li

l anzjani kienu jirrakkuntaw f xi matmura tal qamħ fil lejliet xitwija.

Imma bl entużjażmu tal ħames snin li kien għad għandi, ħsibt li żgur mhuwiex biss l isem li jimmarkak. Le, le, hemm affarijiet oħra li jagħmluk dak li int, dak li se ssir. Il ġugarelli, pereżempju. Għalhekk, billi ma kienx qed jirnexxili nikkontrolla l eċitament u l aptit li nagħti sehmi, l għada tlabt lill pap jeħodni nixtrilu rigal: kont iddeċidejt li nagħtih soft toy. Soft toy biex nilqgħu fostna. Il ġenituri tiegħi m għamlux għaġeb. Anzi, il mam dehret pjuttost kuntenta li se nwarrbilha min nofs. Minn mindu qalulna bl aħbar tat tarbija ma waqaftx sekonda ntaqtaq. Allura morna fil ħanut preferit tiegħi, ħanut antik tal ġugarelli li kien jogħġobni għax fost il ħwienet tal ġugarelli l antiki l oħra, kien l uniku wieħed li kellu riħa ta ġdid.

Għandi bżonn soft toy *ta vera*, ħsibt, biex meta ħija jarah ikun qisu qed jittawwal fil mera. Il ġenituri tiegħi kienu għallmuni niċċekkja l prezzijiet, għax il flus ma ssibhomx barra, imma din kienet okkażjoni speċjali u allura rraġunajt li forsi għal din id darba, ħa, għala le, stajt nonfoq ftit iżjed: saħansitra iżjed minn għaxar ewro. Balla flus, għedt bejni u bejn ruħi. Imma ħija, ngħiduha, kien jixraqlu soft toy ta iżjed minn għaxar ewro.

Ersaqt lejn l ixkafef. Iffukajt fuq l annimali. Kien hemm fniek, qtates, ġriewi. Le, għedt, ħija mhux se jkun wieħed li jilgħab b fenek, pjuttost narah jilgħab b iljun, jew b rinoċeronti, jew b tigra jew

Imbagħad rajtu.

Dak, ippuntajt lill pap.

Dan x inhu? staqsieni hu u jdawru f idejh.

Uff, x injoranza, u għollejt għajnejja l fuq. Ċita, għedtlu. F qalbi għedt, *kif tista tkun adult u ma tagħrafx iċ ċita?*

Żgur dan trid?

Perfett dak, weġibtu. U hekk kien. Iċ ċita. L annimal l iktar aġli u veloċi, maestuż u rjali. Diġ kont qed nimmaġinah: ħija, *iċ ċita*. Konna se niġru wara xulxin fit taraġ, konna se nagħtu s salt lil xulxin għal għarrieda fuq is sodod, konna se niġġieldu għal min se jieħu l kontroll tal kamra tal banju u l iktar ħaġa importanti, kien se jkollna alleanza qawwija: jien u hu għad dominju tad DVD player, tal gallettini taċ ċikkulata, tal ground tal basketball. Jien u hu. Għall ħakma tad dinja.

Dak il lejl qattajtu noħlom x konna se nagħmlu flimkien, jien u ċ Ċita. Immaġinajt il kamra miksija posters, il kitbiet fuq il ħajt. Il biċċa hi li jien dejjem kien se jkolli sitt snin iżjed minnu, għal ħajjitna

kollha; jiġifieri kont se nesperjenza kollox sitt snin qablu. Kont se ngħallmu balla affarijiet: kif isuq ir rota, anzi *iktar*: kif iġib ruħu mat tfajliet, anzi *iktar*: kif jixxabbat mas siġar.

Aħna l Mazzariol bulijiet biex nixxabbtu mas siġar. Minn żmien żemżem.

Għalhekk, wara li għaddew ftit ġimgħat staqsejt lill pap jekk stajtx immur miegħu biex nara l post fejn kienet se tkun id dar il ġdida tagħna. Miegħi ħadt vażett biż żrieragħ li kont ġemmajt b paċenzja kbira waqt l ikliet ta nofsinhar u ta filgħaxija tul ir rebbiegħa kollha. Xi ħadd kien qalli li jekk iżżomm iż żrieragħ u l għadam tal frott u tiżragħhom kienu jinbtu s siġar; allura ntfajt niġbor mill platti. Dakinhar ħadthom miegħi. Kelli kwantit *enormi*.

Waqt li l pap kien qed jitkellem mal ħaddiema, mingħajr ma tajt fil għajn, dort mad dar, ftaħt l għatu tal vażett u xerridt iż żrieragħ f dak li kellu jkun il ġnien; deffisthom ġol art, għattejthom bil ħamrija, insomma, għamilt dak kollu li ħsibt li kelli nagħmel biex jaqbdu. Kif lestejt mort lura, żgiċċajt għal fuq is seat ta wara u qgħadt nistenna.

Imma

Mill ewwel nibet fija biża ikrah li forsi kont tfajt iżżejjed u kienu qrib wisq ta xulxin, u li xi darba

s siġar kienu se jikbru mgħawġin ġo xulxin, mad dar, saħansitra ġewwa u konna se nsibu ruħna ngħixu ġo foresta.

Meta l pap lesta milli kellu jagħmel, daħal fil karozza, xegħel il magna u tani ħarsa mill mera. Rajtu jkemmex ħuġbejh. Jaqaw?

Il pap dejjem kellu bħal qisu don biex ikun jaf meta nkun dħalt f xi waħda.

Imma mbagħad il ħsieb tal ħitan maqlugħa mill friegħi tas siġar inbidel b dak fejn jien u ċ Ċita konna qed ngħixu fl iktar dar foresta tal blieh. Anzi, f dar fuq is siġar.

Xejn, xejn, weġibtu. Kollox OK.

Imsaħt idejja ma koxxti, xegħel il karozza u tlaqna.

Dak il lejl, il ħsieb ta dar fuq is siġar baqa miegħi fis sodda; u żammli kumpanija sa ma sebaħ.

Imbagħad wasal l isem. F supermarket, kif għandu jkun.

Il ħamsa li aħna morna nagħmlu x xirja, induru qalb l ixkafef bit trolleys. Frott, ċereali, detergents. Mir radju bdiet ħierġa mużika eżotika u waqt li jien u Chiara konna qed nimitaw żifna Ħawajana li rajna

fuq it televixin, il pap bil moħbi tal mam kien qed jipprova jitfa ċikkulati, lewż u gallettini tal butir fit trolley.

Għax mhux Giacomo jr? għedt jien u nieqaf miż żifna.

X inhu, ħi? staqsietni l mam.

Isem ħija. Giacomo jr. Wara kollox ħuh il kbir jien. Għandu jkolli xi drittijiet f dan is sens, le?

Le.

Kif *le*?

Ma rridx ismijiet barranin.

Giacomo mhux isem barrani.

Il mam qalbet għajnejha.

Giacomo t Tieni, mela? Giacomo ċ Ċkejken? Giacomo ż Żgħir?

Aqtagħha.

Almenu jibda bil *G*. Nistgħu nsibu isem li jibda bil *G*? Insomma, irrid li n nies ikunu jafu li aħna aħwa. Ġest ta mħabba tiegħi, ta Poġġejt idejja ma xulxin quddiem sidri qisni qed nitlob, bil wiċċ ta ħniena b kollox. Xejn. Falliment totali. Chiara bdiet taparsi taqla fit trolley.

Gualtiero? Giancarlo, Gastone, Gilberto, Giu seppe, Girolamo ?

Xi kruha, qalet Chiara.

Vera, qalet il mam.

Ċita, mela! Nistgħu nsemmuh Ċita?

Imma ma baqgħux jagħtu kasi u bdew jiddiskutu fejn seta spiċċa l pap, li s soltu kien japprofitta minn dawn il mumenti li naljenaw rasna biex imur għand dawk li joffrulek l ikel biex idduq, u taparsi interessat jixtri, kien iżarmalhom il platti qisu l mejjet bil ġuħ.

Wasalna ħdejn il bank tal ġobon. Beda jxoqq l għaraq għalija. Bdejt nibża li mhux se jirnexxilna niftiehmu, li konna se naqtgħu qalbna u li fl aħħar konna se niddeċiedu li nħalluh bla isem. Tifel bla isem. Għall għalliema, *dak*. Għal sħabu, *u haw dak*. Għall imgħallem tax xogħol, *haw int*.

Isma , x tippreferu intom? staqsiet il mam lili u lil Chiara. Mozzarella jew stracchino?

Stracchino, qalet Chiara. Dak ta Nonno Nanni.

U kien proprju dak il ħin li għajjatt Giovanni! Il mam u Chiara daru jħarsu lejja. Ħija Joe!

Il mam kemmxet xofftejha.

Le, le, sorry, ridt ngħid Gio bil *G,* mhux Joe bil *J*. Giovanni. Ħija. X taħsbu?

Giovanni sabiħ, qalet Chiara. Ngħid li qablet miegħi biss għax ħallejtha tagħżel il ġobon.

Hux? Anki lili jogħġobni, għamlet iva b rasha l mam. Kellha wkoll dik l espressjoni fuq wiċċha tat tip: Imma kif ma ġiniex f moħħna qabel?

Kien hekk, allura, fit taqsima tal ġobnijiet, fis supermarket, qalb il mozzarella u l irkotta, b melo dija għaddejja f widnejna u b missierna mitluf jgħarrex għall ikel, li nqata d destin tal isem taċ Ċita. Mill ġobon għal Giovanni.